MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 444/2009

**Medsea Shipping Agency Limited (C-45855)**

**-vs-**

**Blue Wave Line Limited (C-44940)**

**Il-Qorti :**

**Rat** ir-rikors mahluf li jaqra hekk -

*1. Illi s-socjeta' attrici wettqet a kariku tas-socjeta' konvenuta rappresentanti 'pilotage fees', 'mooring fees', 'Valletta Grain Terminal charges', kif ukoll spejjez ohra konnessi u ancillari, kif ukoll 'agency fees' u 'bunkering fees' in konnessjoni ma' zewg bastimenti bl-isem ta' 'MV Antoina' u 'MV Fahim Bay' liema xoghol u spejjez jammontaw ghas-somma komplessiva ta' erbgha u erbghin elf tlett mija u disgha u tletin Ewro u tnejn u*

*disghin Ewro centezmi (EUR44,339.92) [ara l-kontijiet hawn annessi u mmarkati bhala DOK MSAL1 u MSAL2 ;*

*2. Illi s-socjeta' konvenuta baqghet ma hallsitx l-ammont dovut u hawn fuq indikat nonostante li s-socjeta' attrici baghtet lis-socjeta' konvenuta ittra gudizzjarja f'dan ir-rigward ;*

*3. Illi ghalhekk illum il-gurnata u fid-data tal-presentata tal-presenti kawza is-somma hawn fuq imsemmija hija somma certa, likwida u dovuta ai fini u effetti kollha tal-ligi u ghandha tithallas mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici u ukoll l-istess socjeta' konvenuta fil-kawza odjerna m'ghandha l-ebda linja jew linji difensjonali x'taghti in kontro-trattazzjoni ghat-talbiet tas-socjeta' attrici u per konsegwenza jezistu c-cirkostanzi kollha kkontemplati fl-Art.167 et sequitur tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta halli din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh in kwantu dan jirrigwarda t-talbiet attrici ghall-hlas.*

*Ghaldaqstant is-socjeta' attrici, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha –*

*1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ; u*

*2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' erbgha u erbghin elf tlett mija u disgha u tletin Ewro u tnejn u disghin Ewro centezmi (EUR44,339.92) lis-socjeta' attrici.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk taz-zewg Mandati bin-numru 715/09 u 716/09 u bl-imghax kummercjali sad-data ta' l-pagament effettiv.*

**Rat** id-dokumenti hemm annessi.

**Rat** li s-socjeta' konvenuta kienet debitament notifikata skond il-ligi.

**Rat** li fl-udjenza tal-11 ta’ Jannar 2010, meta s-socjeta’ konvenuta kienet imsejha diversi drabi, ma dehritx.

Peress li fic-cirkostanzi, it-talba attrici kif dedotta tidher gustifikata u hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza, a tenur tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talba attrici, tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erbgha u erbghin elf tlett mija u disgha u tletin Ewro u tnejn u disghin Ewro centezmi (EUR 44,339.92), bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------